7. Fost il-Maltin ta' l-Eġittu nsibu ismijiet kbar bħal Iċiljo Calleja u Ivo Muscat Azzopardi.
8. Marsilja fl-1891 kien hemm kolonja ta' xi 500 Malti u kien hemm ukoll toroq stabbiliti kummerċjali bejn din il-belt u Malta. Jingħad li mal-kosta kollha Mediterranja, fl-aħjar tagħhom il-Maltin kienu jgħaddu mal-200,000 persuna. Ara Maltese Migrants' Convention '69 – ''Statistics & History of Maltese Migration Movements'' minn Mons. Philip Calleja.
9. Għalkemm ġo Melborn kien hemm il-ħidma ta' Manwel Cassar li kien waqqaf l-Għaqda tal-Letteratura tal-Maltin fl-Awstralja u dik il-ħabta kont għadni ma stabbilejtx kuntatt ma' Manwel, kien għadu ma nqala' ħadd ħliefi bil-għajta għar-rikonoxximent tal-Malti u l-kultura tagħna fl-oqsma pertinenti tas-soċjetà u stabbilimenti governattivi Awstraljani. Il-ħidmiet kulturo-letterarji kienu restritti għal sezzjonijiet żgħar fil-komunità Maltija biss u ma jidhirx li kienet trawmet il-konvinzjoni għaż-żamma ta' l-għeliem nazzjonali tagħna. Ara diversi rapporti fit-*Times of Malta & Australia*, *The Maltese Herald*, *The Voice of the Maltese in Australia*, *The Voice of Malta*, *The Australian Maltese*, *Leħen il-Malti*, *Malta*, *The Maltese News*, *Malta News* u *The New Settler*.
10. Kellna noħolqu argumenti sodi biex nikkonvinċu lill-Awtoritajiet lokali li l-għajta tagħna kienet ġusta. Bosta kienu dawk li emmnu li l-Malti sata' jinqeda tajjeb bl-Ingliż mingħajr għajnuna ta' interpreti. Oħrajn, sija Awstraljani kif ukoll gruppi etniċi oħra, ma ħamlux jaraw il-Malti jikseb drittijietu.
11. Hija ħasra kbira li wħud mix-xandara Maltin tal-bidu, wara li huma stess ħadu l-inizjattiva, ma wrewx maturità kulturali u intellettwali biżżejjed biex igħollu l-livell tal-programmi billi jattendu korsijiet attrezzati għalhekk.
12. Huwa sinjal inkoraġġanti li llum għandna fostna erba' gazzetti Maltin regolari anki jekk il-materjal ikun l-iżjed mill-ġurnali ta' Malta bi ftit wisq kontribut lokali. Dawn il-gazzetti ta' llum huma: *The Voice of Malta*, *The Times of Malta*, *The Maltese Herald* u *The Malta Cross*.
13. Kien hemm għal żmien twil, u sa ċertu punt għad hemm reżistenza minn xi kjeriċi Maltin biex jippreżentaw funzjonijiet reliġjużi bil-Malti. Din ir-reżistenza għenet lill-ġerarkija konservattiva Awstraljana toħnoq diversi sforzi għall-funzjonijiet għad-dannu tal-komunità tagħna u dana minkejja li l-Maltin t'hawn dejjem taw ħafna ġid materjali, bħal flejjes kbar u artijiet, lill-Knisja. Il-kontribut Malti lill-Awstralja Kattolika għad irid jiġi meqjus.
14. L-ewwel diska Maltija li nħolqot ġewwa l-Awstralja kienet 'Bejn il-Ħbieb/Il-blata'; iż-żewġ naħat miktubin u kkomponuti minni. Din l-inizjattiva serviet biex ħolqot qawmien popolari qalb il-Maltin u ssoktat tirfed sforzi kulturali oħrajn, uħud minnhom ukoll mibdijin minni.
15. Meta xi librara f'Sydney saru jafu li jiena kelli librerija privata mdaqqsa ta' kotba Maltin talbuni nġibilhom il-kotba minn Malta. Minn hawn inħolqot id-ditta 'Malta Imports' li llum xoljiet imma li fi żmienha forniet għadd kbir ta' libreriji, ħwienet, skejjel, Dipartimenti Governattivi, Universitajiet u soċjetajiet b'kotba Maltin u b'hekk esponiet mhux biss il-letteratura Maltija iżda wkoll l-awturi Maltin lil diversi oqsma li qabel ma kinux jafu bihom; tabilħaqq l-istess komunità Maltija saret taf b'ħafna xogħlijiet u b'awturi li qabel kienu kkonfinati għal Malta biss.
16. Għad hemm sa llum eluf kbar ta' Maltin li jinsabu maqtugħin mill-vina tal-ħajja Maltija fl-Awstralja. Dawn fil-parti l-kbira jinsabu mxerrdin mal-kosta ta' Queensland minn Bandaberg sa Mossman u flimkien mal-kolonja ċkejkna li għadha teżisti fi Broken Hill ġo New South Wales, huma l-uniċi komunitajiet li ma jgawdux is-servizzi soċjali u kulturali kif ukoll il-benefiċċji komunitarji li ssib fost il-Maltin ta' Sydney u Melborn u fuq skala iżgħar, ta' dawk il-kolonji li jinsabu fl-ibliet l-oħrajn bħal Adelaide, Perth, Brisbane, Wollongong u oħrajn.
17. Ġewwa Malta Maltija ta' llum, fis-Servizz Pubbliku għadhom jikkorrispondu bejniethom bl-Ingliż. Fis-sentejn li jiena qattajt ġo Malta, fl-1981/82, kienu bosta dawk li ddarrsu għaliex kienu jarawni nuża l-Malti dejjem u kullimkien. Fosthom kien hemm min qalli, b'ċanfira mingħalihom, li jiena Malti iktar mill-Maltin ta' Malta waqt li oħrajn, b'żeblieħ taparsi stagħġbu bl-attitudni tiegħi 'ultra Maltija'; attitudni li jiena nipperċevi b'normali.



18. Għaliex flok timxi skond tendenza naturali, jiġifieri skond il-kurrent kif tħossha, tkun immexxi mill-grammatka li m'hi xejn 'naturali'.
19. F'Awissu 1983 mort sa Mackay, belt fit-tramuntana ta' Queensland, fejn intervistajt għadd kbir ta' Maltin li jgħixu hemm li ħafna minnhom illum igħoddu mat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni Awstraljana ta' dixxendenza Maltija u għadhom igħoddu rwieħhom ta' Maltin. Kien minn fomm l-eks Ministru Ċensu Tabone l-ewwel ma smajt fuq id-djalett ta' Mackay. Dan kien fis-sittinijiet meta kien għamel żjara uffiċjali fl-Awstralja. Iżda, għoxrin sena wara, minn dak li osservajt u rnexxieli niġbor jien, nista' ngħid li avolja hemm wisq x'wieħed igħid dwar din il-kolonja Maltija, meta jitilquha bil-Malti m'hemmx biżżejjed materjal bħalma ssib Sydney u Melborn, biex jikkostitwixxi djalett għalih. Jista' jkun li ż-żmien, il-qtugħ ġeografiku u l-ambjent soċjali li fih jinsabu huma qegħdin jagħmlu tagħhom u dak li rrapporta dwaru Ċensu Tabone issa qiegħed inin.
20. Sa llum il-ġurnata wara bosta tkixxif għad ma rnexxilix nikkonferma fejn tinsab u jekk għadhiex teżisti din il-komunità ewlenija. Ta' min josserva li d-dixxendenti ta' dawk li salvaw wara l-famuża jew aħjar infami ġrajja tal-Mutiny on the Bounty, li llum jinsabu jgħixu fuq il-gżira Norfolk, għadhom jitħaddtu bejniethom l-Ingliż ta' 'l fuq minn mitejn sena ilu!

**Korrezzjoni**

FIN-NUMRU SPEĊJALI fuq Anton Buttiġieġ (1986), fir-ritratt li deher f'paġna 48 qabżilna isem, dak tal-Prof. Serafin Żarb O.P. liebes it-tunika Dumnikana, li jinsab fuq ix-xellug tal-Prof. Ġ. Galea. Imbagħad, dak li jidher fuq ix-xellug tal-Prof. S. Żarb m'huwiex Victor Apap imma xi ħaddieħor, mhux membru ta' l-Akkademja, li dak in-nhar inzerta hemm fl-inħawi tal-Qawra u daħal fir-ritratt!

## IL-KONKORS ''DUN KARM''

FL-AĦĦAR ĦARĠA ta' *Il-Malti semmejna r-rebbieħa tal-Konkors imniedi mill-Akkademja f'egħluq il-25 sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali. Fil-fehma tal-ġurija ''inħass li ma kienx hemm livell għoli. Dan jista' jkun li qiegħed jirrifletti l-livell ta' l-edukazzjoni f'pajjiżna llum. Il-fatt li għal dan il-konkors li wiegħed premjijiet xierqa resaq numru żgħir ta' konkorrenti (10) joffri indikazzjoni tal-valuri li jqanqlu ħafna Maltin li biex tagħqad jinsabu aljenati minn kwistjonijiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-Letteratura Maltija.''*

*Fis-7 ta' Jannar 1987 saret il-preżentazzjoni tal-premjijiet lir-rebbieħa. Din iċ-ċerimonja għamilnieha għand id-ditta Simonds-Farsons-Cisk Ltd, li ilha żmien magħrufa sewwa f'pajjiżna għall-inkoraġġiment kulturali li tagħti u li offriet il-premjijiet tal-konkors.*

*Xahar wara, sewwasew fl-10 ta' Frar, l-Akkademja għamlet l-aħħar attività li fakkret lil Dun Karm. Dak in-nhar il-Bord Editorjali ta' Il-Malti* ippreżenta l-ewwel kopji tan-Numru Speċjali b'ġieħ Dun Karm lill-kontributuri. Ħafna minnhom ġew u ħadu gost b'din il-laqgħa soċjali li saret fis-sala Teilhard de Chardin għand il-Ġiżwiti ta' Triq San Pawl, Valletta.